# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 24 ta' April 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 341/2024 JPG**
**Kawza nru.: 19**

**RF**
**Vs**
**SF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RF datata 8 ta' Lulju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok 'A'**;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal u cioe' DF li twieled nhar il-X u MF li twieled nhar it-Y, u ghaldaqstant huma t-tnejn minuri;*

*Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ddatta nhar l-erbghatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) (**Dok 'B'**) liema sentenza hija wahda res judicata stante li ma gie ntavolat l-ebda appell f'dar rigward (**Dok 'C'**);*

*Illi barra minn hekk, l-kontendenti lhom de facto separati mis-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) u llum m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum*

*il-gurnata entrambi l-partijiet ghandhom hajja totalment separata u independenti minn xulxin;*

*Illi huma m'ghandhomx assi komuni bejniethom;*

*Illi l-kontendenti m'ghandhom l-ebda pendenzi ta' manteniment dovut lil xulxin;*

*Illi in vista tal-premess, f'rigward il-manteniment dovut mill-konvenut ghall-minuri, l-esponenti lesta li tirrinunzja kwalunkwe' arretrati li hemm f'dar-rigward;*

*Illi in sostenn ta' dan l-esponenti qiegħda tippreżenta affidavit tagħha li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala* ***Dok 'D'****;*

*Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi mhemm l-ebda impediment għall-ħall taż-żwieg;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il- partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jiehu l-passi kollha necessarji sabiex id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta'Malta].*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat naqas li jipprezenta risposta guramentata izda deher ghas-seduta tad-9 ta' April 2025;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata 26 ta' Frar 2025.

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit a fol 36)** illi l-kontendenti izzewgu nhar is-7 ta' Marzu 2015. Il-partijiet ilhom jghixu de facto separati mis-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Xehdet illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) per l- Onor. Anthony Vella nhar l-14 ta' Mejju 2024. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat** xehed (**viva voce nhar id-9 t'April 2025** a fol 49 et seqq. ) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data***

*li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta’ Marzu 2015 liema zwieg jgib certifikat numru 363/2015 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A a fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti datata nhar l-14 ta’ Mejju tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) liema sentenza hija *res judicata* (Vide fol 7 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta’ zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

L-attrici affermat illi lesta li tirrununzja ghall-arretrati ta’ manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 363/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**